MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tat-23 ta' April, 2004

Appell Kriminali Numru. 235/2003

**Il-Pulizija**

**vs**

**Grezzju Pisani**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Grezzju Pisani talli fit-28 ta’ Awissu, 2003 ghall-habta tas-7.00am, fi Triq il-Falkun, Sannat, ingurja u hedded verbalment lil Raymond Grima u/jew ipprovokah ghal glied barra mill-limiti tal-provokazzjoni; l-ewwel qorti kienet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tapplika l-Art. 383 tal-Kap 9;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tas-6 ta’ Novembru 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmi Grezzju Pisani hati u kkundannatu ammenda ta’ ghaxar liri (Lm10);

Rat ir-rikors ta' appell ta' Grezzju Pisani, minnu prezentat fl-20 ta' Novembru, 2003 li permezz tieghu talab ir-revoka tal-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-20 ta' Frar, 2004; ikkunsidrat:

L-ewwel qorti sabet lill-appellant hati skond l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali. L-appellant jichad dak kollu lilu addebitat. Ghalhekk l-appell jirrizolvi ruhhu f'apprezzament ta' provi.

Din il-Qorti, wara li semghet il-provi kollha, hi tal-fehma li ma hemm ebda raguni impellenti ghala ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel qorti u l-konkluzzjoni li dik il-qorti waslet ghaliha. Anzi din il-Qorti tkkondividi pjenament il-konkluzzjoni li waslet ghaliha l-ewwel qorti, u cioe` li fil-jum u fil-hin indikati fl-imputazzjoni l-appellant ingurja lil Raymond Grima billi ghajru "harraj" u anke heddu billi xejjer injama jew hadida li kellu f'idu.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------